31993R3606

31.12.1993 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 332/10

**IR-REGOLAMENT (EURATOM, KEFA, KE) Nru 3606/93**
**tat-22 ta' Novembru 1993**
**li jimmodifika r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidra il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikoli 13 u 23 tiegħu;

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Billi huwa xieraq li tkun estiża l-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej, bit-termini u bi qbil mal-proċedura stabbiliti mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 (3), dwar is-salarji, l-pagi u l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kunsill ta' l-Istitut Monetarju Ewropew u l-impjegati ta' dak l-Istitut,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan l-Artikolu li ġej huwa miżjud mar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68:

*"L-Artikolu 12a*

Dan ir-Regolament għandu jkun japplika għall-President ta' l-Istitut Monetarju Ewropew, għall-Membri l-oħra kollha tal-Kunsill tal-Istitut, għall-membri ta' l-istaff tiegħu u għal dawk li jirċievu l-pensjonijiet imħallsa mill-Istitut li huma nklużi fil-kategoriji determinati mil-Kunsill skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 16 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, fir-rigward ta' salarji, pagi u emolumenti, u għall-penzjonijiet għal disabilità, irtirar u lil superstiti. imħallsa mill-Istitut."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Novembru 1993.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Ph. MAYSTADT

(1) ĠU C 324, L 12. 1993, p. 13.
(2) ĠU C 329, 6. 12. 1993.
(3) ĠU L 56, 4. 1968, p. 8. 85 Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3761/92 (ĠU L. 383, 29. 12. 100 1992, p. 1).